KULLEĠĠ SAN INJAZJU
PRIMARJA ĦAL QORMI SAN BASTJAN

Ċirk Ġ15 2014-2015 5 ta' Diċembru 2014

Għeżież ġenituri,

1. F'dawn il-ġranet qed norganizzaw attivitajiet speċjali marbuta mal-perjodu tal-Milied fosthom in-Novena, iċ-Ċelebrazzjoni tal-Ħiliet, il-Quddiesa tal-Milied, u Ħarġiet Speċjali. Nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Diċembru se tkun ġurnata speċjali għat-tfal. Nibdew bil-quddiesa fil-knisja u nkomplu l-iskola b'festini fil-klassijiet u attività fis-Sala tal-Iskola. It-tfal jiġu lebsin *casual* u jġibu magħhom l-affarijiet li jgħidulhom l-għalliema. L-iskola tispiċċa fis-**2:15pm** għat-tfal tal-Kinder u fis-**2:30 pm** għat-tfal tal-Primarja.

2. It-tfal fil-klassijiet 5.1, 5.2, 5.3, 6.1, 6.2 u 6.3 se jieħdu sehem fil-programm taċ-Ċelebrazzjoni tal-Ħiliet. Nhar l-**Erbgħa, 17 ta' Diċembru 2014** il-ġenituri ta' dawn il-klassjiet huma mistiedna biex jiġu jaraw ir-reċta. Intom mitluba tkunu bilqiegħda fis-Sala tal-Iskola fl-10:15 am biex il-programm jibda eżatt fl-10:30 pm. Dħul għas-Sala tal-Iskola se jsir minn Triq Manuel Dimech.

3. Għall-quddiesa tal-Milied li se ssir fil-knisja ta' San Sebastjan l-istudenti qed jiġu mħeġġa biex iġibu offerti ta' ikel u bottijiet biex dawn jittellgħu għal waqt l-offertorju. Dawn se jiġu offruti lill-parroċċa u l-kappillan ikun jista' jqassamhom lill-familji fil-bżonn. Jekk jogħġobkom tattendu għal din il-quddiesa nitolbukom issibu post fil-ġnub tal-knisja jew fuq wara biex b'hekk l-istudenti jkunu jistgħu joqogħdu għan-nofs tal-knisja.

4. Nhar it-Tnejn, 22 ta' Diċembru se tkun ġurnata ta' *Staff Training* biex l-edukaturi tal-iskola jkomplu jsaħħu l-Ħiliet tagħhom magħquda bħala *team* wieħed.

Grazzi

J. Baldacchino M.Ed
Il-Kap tal-Iskola

Kulleġġ San Injazju, Primarja Ħal Qormi San Bastjan, Misraħ Narbona, Qormi QRM 2403 MALTA
Tel: (+356) 21442851, 21488296, e-mail: sic.qormiss.pr@gov.mt
Website: stsebastianprimaryschoolqormi.com